MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 798/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Alfrida Grech abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Alfrida Grech [829553(M)]**

**Vs**

**Gordon Sultana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm158.42c) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici Alfrida Grech li ghalihom giet in parti kkumpensata mis-socjeta'

assikurattrici b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-13 t'Ottubru, 2001 fis-1.15p.m gewwa Tal-Ballal Road, Naxxar bejn il-vettura proprjeta' ta' Alfrida Grech bin-numru ta' registrazzjoni BAP 405 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni AAI 313.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante l-incident ma garax tort u htija tieghu izda gara unikament tort ta' Alfrida Grech.

Sema' x-xhieda ta' PS 586 Joseph Brincat, Alfrida Grech u ta' Gordon Sultana.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta' Dr Louis Bianchi ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi Alfrida Grech kienet qieghda ssuq fi Triq Tal-Ballal sejra mit-triq ta' San Gwann lejn in-Naxxar. F'dik it-triq hemm petrol station modern li huwa fuq in-naha tal-lemin taghha u ddecediet li tmur tiehu l-petrol.

Hija dahlet fil-petrol station min-naha tax-xellug inti u thares lejn l-istess petrol station, hadet il-petrol u mbaghad ippuntat biex tohrog ghal fuq il-*main road* (to the right) biex terga' tibqa' sejra fid-direzzjoni lejn in-Naxxar.

Fil-mument li kienet wieqfa hija ssostni illi rat il-vettura AAI 313 li hija vettura kummercjali kbira misjuqa mill-konvenut, li gie wkoll minn Tal-Ballal izda minflok ma dahal fil-petrol station kif dahlet hi, qata' ghad-dritt u ghadda minn quddiemha. Huwa ha d-diesel, irriversja magenbha u warajha, mbaghad hareg ghal fuq il-*main road* u qata' quddiemha bir-rizultat illi huwa u hiereg qabad il-bumper ta' quddiem tal-vettura ta' Grech, bil-parti ta' wara tat-trakk u b'hekk sehhet il-kollizjoni. Il-konvenut waqaf iktar 'l isfel mill-punt ta' l-impatt.

Il-konvenut isostni da parti tieghu illi dakinhar ta' l-incident huwa verament kien dahal bit-trakk biex jiehu d-diesel u waqt li huwa kien hiereg kienet il-karozza ta' l-attrici li baqghet diehla got-trakk tieghu.

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' l-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa u huwa sodisfatt li l-verzjoni moghtija mill-attrici hija ferm aktar verosimili.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident sehh proprju kif spjegatu l-attrici Alfrida Grech fis-sens illi waqt li hija kienet wieqfa qed tistenna *gap* fit-traffiku biex tohrog ghal fuq il-*main road,* il-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAI 313 li hija vettura kummercjali kbira, hareg minn magenbha u qata' quddiemha bir-rizultat li huwa u jiddritta fuq il-*main road*, bil-parti ta' wara tat-trakk tieghu, qabad il-*bumper* ta' quddiem tal-vettura ta' Grech u b'hekk ikkawzalha l-hsara. Ghalkemm Grech baqghet wieqfa fejn kienet, il-konvenut waqaf aktar 'l isfel mill-punt ta' l-impatt. M'hemm ebda evidenza ta' hsara fuq il-parti frontali tal-vettura ta' l-attrici, liema hsara kienet tkun evidenti kieku hija kienet miexja fil-mument ta' l-impatt u baqghet hierga u dahlet gol-vettura tal-konvenut. Il-hsara li ghandha fil-*bumper* li jidher mir-ritratt esebit fis-27 ta' Mejju, 2005 hija hsara ndikattiva ta' gibda 'l barra li tikkombacja perfettament mad-dinamika ta' l-incident kif spjegat mill-attrici.

Stante li l-incident sehh kif spjegat l-attrici, huwa daqstant iehor evidenti illi r-responsabbilta' unika ghall-kollizjoni hija addebitata ghall-konvenut li fil-mument li kien qed isuq, hu u hiereg ghal fuq il-*main road*, ma zammx *a proper lookout* u ma kienx attent bizzejjed biex meta jemergi ma jkunx ta' hsara lil traffiku iehor u cjoe', f'dan il-kaz lill-vettura misjuqa mill-attrici li fuq kollox kienet qablu fil-bokkatura tal-petrol station u se mai hu missu stenna warajha.

Ghar-rigward tad-danni, m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannah ihallas is-somma ta’ mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm158.42c) bl-interessi u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------